2026/2222

1.10.2026

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2026/2222

tat-28 ta' Settembru 2026

li taħtar membru tal-Qorti tal-Awdituri

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 286(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-inizjattiva tar-Repubblika tal-Awstrija,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Billi:

(1) Il-mandat tas-Sa Helga BERGER skada fil-31 ta' Lulju 2026.

(2) Ir-Repubblika tal-Awstrija pproponiet li s-Sur Gerald LOACKER jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2026 sat-30 ta' Settembru 2032.

(3) Għaldaqstant, jenħtieġ li jinħatar membru tal-Qorti tal-Awdituri,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Is-Sur Gerald LOACKER huwa b'dan maħtur bħala membru tal-Qorti tal-Awdituri għall-perjodu mill-1 ta' Ottubru 2026 sal-30 ta' Settembru 2032.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Settembru 2026.

Għall-Kunsill

Il-President

M. HEYDON

[1] Opinjoni tas-16 ta' Settembru 2026 (għadha mhix ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).